REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/358

tat-28 ta' Frar 2017

li jikkonferma l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva akrinatrina, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza attiva akrinatrina kienet approvata skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2011 ([2]) u hija elenkata fil-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([3]). Skont ir-ringiela 19 tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, "l-użi bħala insettiċida u akariċida biss jistgħu jiġu awtorizzati f'rati li ma jaqbżux t-22,5 g/ha għal kull applikazzjoni".

(2) Fit-8 ta' Mejju 2012, Cheminova A/S, li permezz tat-talba tagħha kienet ġiet approvata l-akrinatrina, ressqet applikazzjoni għall-emenda tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva akrinatrina biex jiġi awtorizzat l-użu bħala insettiċida u akaraċida mingħajr restrizzjoni fuq ir-rata. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata minn tagħrif relatat mat-talba tal-estensjoni tal-użu. L-applikazzjoni tressqet lil Franza, li kienet inħatret bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 ([4]).

(3) Franza vvalutat it-tagħrif imressaq mill-applikant u ppreparat addendum mal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. Hija ressqet dak l-addendum quddiem il-Kummissjoni, u kopja quddiem l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") fil-5 ta' Novembru 2012.

(4) L-Awtorità bagħtet l-addendum lill-applikant u lill-Istati Membri, u għamlitu disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li tat perjodu ta' 60 jum għas-sottomissjoni ta' kummenti bil-miktub.

(5) Fid-dawl tal-addendum mal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni, l-Awtorità adottat il-konklużjoni tagħha dwar l-akrinatrina fil-21 ta' Novembru 2013 ([5]), fir-rigward tal-użu mhux ristrett bħala insettiċida u akariċida.

(6) L-Awtorità kkomunikat il-konklużjoni tagħha lill-applikant, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni u għamlitha disponibbli għall-pubbliku. Fid-dawl tal-addendum mal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni tal-Istat Membru relatur u l-konklużjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni ppreżentat rapport ta' analiżi u abbozz ta' Regolament lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

(7) L-applikant ingħata l-possibbiltà li jressaq kummenti dwar ir-rapport ta' analiżi għall-akrinatrina inkluż l-addendum. L-applikant ressaq il-kummenti tiegħu, u dawn ġew eżaminati bir-reqqa. Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa mill-applikant, it-tħassib imsemmi fil-premessa 8 ma setax jiġi eliminat.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 974/2011 tad-29 ta' Settembru 2011 li japprova s-sustanza attiva akrinatrina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE (ĠU L 255, 1.10.2011, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 tal-14 ta' Awwissu 2002 li jwaqqaf regoli oħra għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' xogħol li jissemma fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 451/2000 (ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23).

([5]) "Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance acrinathrin." *EFSA Journal* 2013;11(12):3469. Disponibbli online fuq: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

(8) Fuq il-bażi tar-rapport ta' analizi u fatturi oħra li huma leġittimi għall-kwistjoni li qed tingħata konsiderazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li t-tagħrif addizzjonali mressaq mill-applikant ma jippermettix li jiġu eliminati l-punti speċifiċi ta' thassib li wasslu għar-restrizzjoni tal-użu tal-akrinatrina f'rati li ma jaqbżux t-22,5 g/ha għal kull applikazzjoni. B'mod partikolari, l-akrinatrina hija sustanza tossika ħafna għall-ħut u l-invertebrati akkwatiċi u l-aċċettabilità tagħha fuq il-bażi tar-rati kurrenti diġà tirrikjedi mitigazzjoni estensiva tar-riskju. Id-dejta l-ġdida pprovduta mill-applikant naqset milli turi li ż-żieda sinifikanti ta' rati, u konsegwentement, ta' espożizzjoni, xorta waħda jirriżultaw f'riskju aċċettabbli għall-organiżmi akkwatiċi kkonċernati. Fl-aħħar nett, fuq il-bażi ta' tagħrif konfermatorju mressaq min-notifikant, l-EFSA tikkonkludi li rati ogħla jistgħu jwasslu għal riskju għoli għall-artropodi mhux fil-mira li jkompli jikkonferma li dawn ir-rati ma jistgħux jiżdiedu.

(9) Għaldaqstant, ma ġiex ippruvat li wieħed jista' jistenna li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom l-akrinatrina jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 meta jintużaw bħala insettiċida jew akariċida mingħajr restrizzjonijiet fuq ir-rata.

(10) Il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva akrinatrina kif stabbiliti fir-ringiela 19 tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, għandhhom għalhekk jiġu kkonfermati.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Konferma tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni

Il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva akrinatrina, kif stipulat fir-ringiela 19 tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, huma kkonfermati.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER